MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

### MAGISTRAT DR.

### MIRIAM HAYMAN

Seduta tad-19 ta' Frar, 2015

Numru. 779/2013

**Il-Pulizija**
**Spettur Arthur Mercieca;**
**Spettur Spiridione Zammit;**
**Spettur Saviour Baldacchino**

**VS**

**Saviour (Francis Xavier) Agius detentur tal-karta tal-identita’ numru 203278;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **Saviour (Francis Xavier) Agius** li gie akkuzat talli matul ix-xahar ta' Awwissu, 2013 gewwa dawn il-Gzejjer b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

1. Ipproduca, biegh jew xort'ohra ttraffika r-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li ghandhom bhala bazi din ir-raza, u dan bi ksur tal-Art 8(b) tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza bi ksur tal-Art 8(a) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

3. U aktar talli kellu fil-pussess tieghu d-droga heroina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kinx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kinx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija, u meta ma kinx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skont ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement

emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

4. U aktar talli kellu fil-pussess tieghu d-droga kokaina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, meta ma kinx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza, u meta ma kinx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmfanittura jew li jforni d-droga msemmija, u meta ma kinx b’xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skont ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

5. U aktar talli fil-lejl ta’ bejn l-4 u l-5 ta’ Awwissu, 2013 ghall-habta ta’ 1.00am gewwa Xghajra (Zabbar) ikkometta serq ta’ diversi oggetti minn gewwa residenza ghad-dannu ta’ Ritianne Galea u Matthew Vassallo liema serq huwa aggravat bil-hin, bil-lok, bil-mezz, bix-xorta tal-haga misruqa u bil-valur li jeccedi €232.92 izda ma jeccedix l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37);

6. U aktar talli fil-lejl ta’ bejn it-3 u l-4 ta’ Awwissu, 2013 ghall-habta ta’ 00:00hrs, gewwa l-Fgura, ikkometta serq ta’ vettura tal-ghamla Mazda numru tar-registrazzjoni

INS800 ghad-dannu ta’ Joseph Gravina u jew persuni ohra liema serq huwa aggravat bil-hin, bil-lok, bil-mezz, bix-xorta tal-haga misruqa u bil-valur li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin Ewro u tnejn u disghin centezmu (€232.92) izda ma jeccedix l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37);

7. U aktar talli nhar il-5 ta’ Awwissu, 2013 ghall-habta ta’ 13.00hrs gewwa l-Fgura, ikkommetta serq ta’ vettura tal-ghamla Transit numru tar-registrazzjoni HAW991 ghad-dannu ta’ Oulaiwi Khidir liema serq huwa aggravat bil-hin, bil-lok, bil-mezz, bix-xorta tal-haga misruqa, u bil-valur li jeccedi l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37);

8. U aktar talli nhar il-5 ta’ Awwissu, 2013 ghall-habta ta’ 13.00hrs gewwa l-Fgura, volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe’ karozza tal-marka Transit numru tar-registrazzjoni HAW991, liema hsara ma tiskorrix l-elf mija u erbgha u sittin Ewro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69) izda izjed minn mija u sittax-il Ewro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47), liema hsara saret ghad-dannu ta’ Carmel Mizzi u/jew ta’ xi persuna/i u/jew ta’ xi entita’ u/jew entitajiet ohra;

9. U aktar talli nhar il-5 ta’ Awwissu, 2013 ghall-habta ta’ 13.00hrs, gewwa dawn il-Gzejjer, ikkommetta serq ta’ diversi ghodod minn gewwa vettura HAW991 ghad-dannu ta’ Oluaiwi Khidir, liema serq huwa aggravat bil-hin, bil-lok, bil-mezz, bix-xorta tal-haga misruqa, u bil-valur li jeccedi l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37);

10. U aktar talli nhar is-7 ta' Awwissu, 2013 ghall-habta ta' 1300hrs, gewwa l-Fgura, ikkommetta serq ta' vettura bil-mutur tal-marka Suzuki, numru tar-registrazzjoni FBE807, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, valur li ma jeccedix l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), bil-lok u bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa, u li sar ghad-dannu ta' Carmel Mizzi u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet ohra;

11. U aktar talli f'dawn il-Gzejjer, matul ix-xahar ta' Awwissu, 2013, ghamel uzu minn numri ta' identifikazzjoni ta' vettura xort'ohra minn dak moghti mill-pulizija jew mill-Awtorita' dwar xi vettura bil-mutur partikolari u cioe' biddel in-numru tar-registrazzjoni ta' vettura FBE807;

12. U aktar talli sabiex jikseb vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentemenet ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz, billi biddel it-tarek tar-registrazzjoni ta' vettura numru FBE807 u ghamilhom jidhru ma' dawk ta' vettura FBB807, ai termini tal-Artikolu 188 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

13. U aktar talli nhar is-7 ta' Awwissu, 2013 ghall-habta ta' 1300hrs gewwa l-Fgura, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' karozza tal-marka Suzuki numru tar-registrazzjoni FBE807, liema hsara ma tiskorrix l-elf mija u erbgha u sittin Ewro u disgha u sittin centezmu

(€1,164.69), izda izjed minn mija u sittax-il Ewro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47), liema hsara saret ghad-dannu ta' Carmel Mizzi u/jew xi persuna/i u/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet ohra;

14. U aktar talli nhar is-7 ta' Awwissu, 2013 ghall-habta ta' 1745hrs, gewwa l-Fgura, ikkommetta serq ta' handbag minn vettura tal-marka Toyota Vitz, numru tar-registrazzjoni HBJ281, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li ma jeccedix il-mitejn u tnejn u tletin Ewro u tnejn u disghin centezmu (€232.92), bil-mezz, u bix-xorta tal-haga misruqa, u li sar ghad-dannu ta' Sharon Agius u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet ohra;

15. U aktar talli nhar id-9 ta' Awwissu, 2013 ghall-habta ta' 1030hrs gewwa l-Fgura, ikkommetta serq ta' vettura bil-mutur tal-marka Hyundai, numru tar-registrazzjoni BBS437, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, valur li ma jeccedix l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), bil-lok u bix-xorta tal-haga misruqa, u li sar ghad-dannu ta' Terence Grixti u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet ohra;

16. U aktar talli nhar id-9 ta' Awwissu, 2013, ghall-habta ta' 1030hrs gewwa l-Fgura, ikkommetta serq ta' diversi oggetti minn gewwa vettura BBS437, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, valur li ma jeccedix l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), bil-lok, u bix-xorta tal-haga misruqa, u li sar ghad-dannu ta' Terence Grixti u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet ohra;

17. U aktar talli matul ix-xahar ta’ Awwissu, 2013 gewwa dawn il-Gzejjer, xjentement laqa’ ghandu jew xtara diversi hwejjeg, cioe’ apparat ta’ hi-fi u oggetti ohra, li kienu misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat, sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b’kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxiehom;

18. U fl-ahharnett talli rrenda ruhu recidiv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, wara li huwa gia’ nstab hati b’diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat l-ordni u kontro ordni tal-Avukat Generali, kif ukoll l-Artikoli minnu mibghuta;

Rat ukoll il-kunsens tal-imputat ghall-Artikoli hawn imsemmija.
L-Artikoli jaqraw hekk:

a. Fl-Artikolu 261(b), (c), (e), (f), (g), 270, 269(g), 263(a), 278, 271(g), 267, 279(a), 280 u 281 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
b. Fl-Artikoli 261(b), (c), (e), (f), (g), 270, 269(g), 263(a), 278, 271(g), 267, 279(a), 280 u 281 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
c. Fl-Artikoli 261(b), (c), (e), (f), (g), 270, 269(g), 263(a), 278, 271(g), 267, 279(b), 280 u 281 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
d. Fl-Artikolu 325(1)(b) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

e. Fl-Artikoli 261(b), (c), (e), (f), (g), 270, 269(g), 263(a), 278, 271(g), 267, 279(b), 280 u 281 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
f. Fl-Artikoli 261(b), (c), (e), (f), (g), 270, 269(g), 263(a), 278, 271(g), 267, 279(a), 280 u 281 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
g. Fl-Artikoli 15(1A) tal-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku, Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta’ Malta;
h. Fl-Artikolu 188(1) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
i. Fl-Artikolu 325(1)(b) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
j. Fl-Artikolu 261(b), (c), (g), 263(a), 278, 267, 279(a), 280 u 281 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
k. Fl-Artikoli 261(b), (c), (e), (g), 263(a), 278, 267, 279(a), 271(g), 280 u 281 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
l. Fl-Artikoli 261(b), (c), (e), (g), 263(a), 278, 267, 279(a), 269(g), 271(g), 280 u 281 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
m. Fl-Artikolu 334 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
n. Fl-Artikolu 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
o. Fl-Artikolu 17, 18, 23B, 23C, 31 u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat ukoll illi l-imputat qal illi huwa ma kinx hati tal-akkuzi, dna fl-interrogatorju.

Rat ix-xhieda kollha prodotta u semghet it-trattazzjonijiet.

Ikkunsidrat:

Illi rat ix-xhieda tal-**Ispettur Arthur Mercieca** li xehed dwar l-investigazzjoni li saret fil-konfront tal-imputat.
Xehed dwar diversi serqiet illi kien involut fihom (allegatament) l-imputat, kif ukoll il-fatt illi kienet misjuba ghandu (mhux minn dan ix-xhud) droga, zewg blokok suspettati raza tal-cannabis – ezebiti dawn bhala Dok AM1, dawn misjuba skondtu fuq il-persuna tieghu. Xehed ukoll illi mir-residenza tieghu gew elevati hames (5) blokok suspettati raza tal-cannabis ezebiti minnu bhala Dok AM2. Qal ukoll illi gew elevati numru ta' apparat elettroniku bhal stereos ta' vetturi u apparat ta' hi-fi. Xehed illi l-imputat ikkopera bis-shih mal-pulizija u kkonferma l-involviment tieghu f'serqiet bhal tal-vettura Maruti, mir-residenza fix-Xghajra, serqa mill-vettura Mazda, serqa minn van Transit, serqa ta' handbag minn gewwa vettura fil-Fgura, u serqa minn vettura ta' ghamla Hyundai. Qal illi l-imputat kien anke rrilaxxa stqarrija bl-ghazla tieghu li ma jikkonsultax avukat. Ghazel ukoll illi jigguramenta l-istess quddiem Magistrat Inkwirenti. Din l-istqarrija fil-fatt giet ezebita mill-Ufficjal Prosekutur bhala Dok AM3, waqt illi aktar tard giet ezebita fl-atti l-istqarrija guramentata hawn imsemmija.

Iddikkjara wkoll l-Ufficjal Prosekutur illi l-imputat kellu jibbenefika mill-Artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-**Ispettur Spiridione Zammit** da parti tieghu xehed dwar ir-rapporti ta' serq ricevuti dwar speaker, subwufer, GPS, u amplifier tal-marka ….. Rapport iehor kien maghmul minn Ritienne Galea u Matthew Vassallo dwar sgass fir-residenza minn fejn ittiehdu iPhone ta' madwar mitt Ewro (€100), hi-fi

equipment ta' circa mitejn u tmenin Ewro (€280), Playstation 2 ta' circa mitejn Ewro (€200), remote control ta' madwar mitejn Ewro (€200), HSBC photo frame ta' madwar sitt mitt Ewro (€600). Qal illi fuq informazzjoni li waslet biex jissuspetta fl-imputat, hu flimkien mas-Surgent 367 Sacco sabu lill-imputat go karozza Suzuki griza li kellha l-pjanci alterati fis-sens illi l-ittri FBE kienu jaqraw FBB. Induna jghid illi l-igntion kienet miksura u ghalhekk ghadda ghall-arrest ta' Agius.
Ikkonferma fuq il-persuna ta' Agius is-sejba ta' raza tal-cannabis. Qal illi fir-residenza ta' Agius instabu l-hames (5) bicciet cannabis ohra. Qal illi mal-art sab bicciet ta' habel, siringi wzati, subwufer tal-marka Boss, citric acid, stereo, seba' (7) mobiles tal-marka Nokia, hamsa (5) tal-marka Samsung, u Play Station. Ikkonferma dak kollu li Agius qal fl-istqarrija.

Qal illi fuq indikazzjoni ta' Agius mar ghamel tfittxija fl-ghalqa, faccata tar-residenza tal-imputat u fiha sab xi siringi.

Minn naha tieghu l-**Ispettur Saviour Baldacchino** ezebixxa varji sentenzi moghtija fil-konfront tal-imputat – Dok SB1 folio 109; Dok SB2 folio 112; Dok SB folio 114; Dok SB3 folio 116.

**PS 31 Marco Farrugia** prezenta varji rapporti koncernanti serqiet ta' vettura Mazda, maghmul minn Lorry Vella u Joseph Gravina, Dok MF.
Prezenta rapport iehor ta' snatch and grab minn go karozza ta' Sharon Agius, Dok MF1.

Rapport iehor dwar vettura FBE807. Hawn xehed dwar dak illi gia' ddepona l-Ispettur Zammit dwar is-sejba tal-vettura

FBB807 bin-numru tar-registrazzjoni mbaghbas li kienet qed tigi misjuba minn Saviour Agius li kien ukoll fil-kumpanija ta' certu Jacqueline Fenech. Xehed dwar it-tbaghbis tan-numru tar-registrazzjoni, dwar is-sustanza elevata minn fuq Saviour Agius, id-droga misjuba fir-residenza tieghu, u l-oggetti hemm misjuba relatati mas-serqa minn vetturi.

Xehdu wkoll u pprezentaw ir-relazzjonijiet taghhom l-esperti nominati fl-Inkjesta.
Senjalament xehed **Godwin Sammut** dwar is-sustanza elevata u kkonkluda:

a. "*Illi fuq estratti mehuda mis-sustanzi ta' lewn kannella li hemm fid-dokument 272_13_01 u 272_13_02 instabet is-sustanza* ***Tetrahydrocannabinol*** *li hija sustanza li tigi mill-pjanta tal-Kannabis. Il-piz total tas-sustanzi kien ta'* ***33.95 grammi*** *u l-purita' kienet ta' circa* ***8.5%****. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-Ligi taht Taqsima III Sezzjoni 8 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;*

b. *Skont il-Malta Drug Situation Report 2011 il-valur ta' Cannabis Resin kien ta' €17.85 kull gramma. Il-piz total kien ta' 33.95 grammi li jaghti valur total ta' €606.*"

Rapport iehor ta' importanza ghad-determinazzjoni ta' dawn l-akkuzi huwa dak prezentat minn **Joseph Mallia**.
Ikkonkluda li nstabet impronta digitali fuq id-dokument 13CDU304 li kienet taqbel ma' dik ta' Donnalise Chircop. Dan id-dokument kien impronta digitali li kien migbur u elevat minn fuq ir-rear view mirror tal-vettura tal-ghamla Mazda 323 (vide wkoll faxxikolu tal-impronti digitali u ritratti elevati minn PC 650 Justin Tabone a folio 44).

Fid-dokument JM2 l-istess espert ikkonkluda li l-impronta 13CDU303 kienet taqbel mal-pala tal-id il-leminija tal-imputat.
Din l-impronta jirrizulta li giet elevata wkoll mill-vettura Mazda 323 fuq il-hgiega tal-bieba ta’ wara tas-sewwieq. Mir-ritratti dan jidher li din giet hekk elevata minn naha ta’ barra tal-istess hgiega.

**Brian Farrugia** minn naha tieghu ghan-nom ta’ Transport Malta xehed dwar vettura INS800, vettura tal-marka Mazda 323 ta’ lewn gold li kienet f’Awwissu, 2013 registrata fuq Joseph Gravina.
Vettura ohra bin-numru tar-registrazzjoni HAW991 tal-marka Ford Transit kienet fiz-zmien imsemmi registrata fuq Oulaiwi Khidir.
Il-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni FBE807 tal-ghamla Suzuki Alto ta’ lewn silver registrata fuq Charles Mizzi;
Vettura tal-marka Toyota Vitz, ta’ lewn pearl, registrata dejjem fiz-zmien imsemmi fuq certu Sharon Agius;
Vettura bin-numru tar-registrazzjoni BBS437 tal-ghamla Hyundai Accent registrata fuq certu Terence Grixti.
Ezebixxa d-dokument BC sa Dok BC4 dwar din l-informazzjoni.

Xehdu varji derubati.
**Carmel Mizzi** li kellu l-vettura Suzuki Alto FBE807 qal illi l-karozza nsterqitlu minn fejn il-club tal-bocci. Kien xtraha seba’ mija u hamsin Ewro (€750) u kienet ilha ghandu tlitt (3) snin. Zied illi kienet giet misjuba u li fiha ghamel spejjez sa dakinhar li xehed (ghax jghid illi kien baqaghlu) ta’ mitt Ewro (€100).

**Oulaiwi Khidir** xehed illi naqaslu vann lejn il-5 ta' Awwissu, 2013 (circa). Dan kellu fih varji ghodda bhal zewg drills, chaser, cilindri tal-gass, erba' laned zebgha, u affarijiet hekk relatati max-xoghol tieghu. Zied illi ghalkemm il-vann gie ritornat lilu ghax instab, l-ghodda baqa' ma sabhix. Ikkalkula li l-ghodda kienet tiswa tminn mitt Ewro (€800). In-numru ta' registrazzjoni tal-vann kien HAW911. Qal illi l-vann kien maghluq bic-cavetta, central lock.

**Terence Grixti** da parti tieghu qal illi giet misruqa l-karozza – il-karozza tieghu, Hyundai Accent BBS437. Qal illi l-vettura giet misjuba, pero minnha sab nieqes stereo u speaker illi ghalkemm instabu wara kienu bil-hsara. Xehed illi b'kollox nieqes mill-vettura kellu l-imsemmija kif ukoll subwufer, GPS, amplifier, u speakers. Ghalkemm jghid illi gie ritornat kollox lilu, barra l-speakers, zied illi dawn kienu kollha bil-hsara.

Ezebixxa wkoll ricevuta ta' zewg (2) tweeters Bushman, erba' (4) speakers Pioneer, subwufer, u amplifier. L-ammont totali kien ta' sitt mija u sbatax-il Ewro (€617), Dok TG, folio 36.

**Sharon Agius** xehdet dwar rapport illi nsterqilha handbag. Kienet ipparkjata u hatfulha l-handbag. Qalet illi dan gara f'Awwissu tas-sena 2013. Qalet illi kienet ipparkjata, rat ragel ifittex fit-triq u dan l-istess avvicina l-vettura taghha. Kif hi giet mal-bankina hatfilha l-handbag minn fuq is-seat u telaq jigri. Qalet illi kellu karozza pparkjata startjata fil-kantuniera. Dan gara l-Fgura. Qalet illi hi giet moghtija lura l-basket mill-pulizija.

**Lorry Vella** xehed fuq il-vettura tieghu INS800 li halla pparkjata fit-8 ta' Awwissu, Rahal Gdid, u giet misruqa. Qal

illi aktar tard il-vettura kienet instabet u li ma kienet sofriet ebda hsara.

**Matthew Vassallo** xehed illi xi hadd dahallu fir-residenza u minn hemm hadulu remote control car li kienet tiswa circa tlitt mitt Ewro (€300), Play Station, stereo bis-surround, u zewg (2) mobiles.

**Ritianne Galea** il-partner ta' Matthew Vassallo, ukoll xehdet dwar din is-serqa, dwar il-Play Station. Tatha valur ta' mitt Ewro (€100). Dan kien l-istess valur li tat lill-mobile iPhone.

Xehdet **Donnalise Chircop** - din imsemmija mill-imputat waqt l-istqarrija tieghu, illi hu ghazel anke li jigguramenta quddiem Magistrat. Qalet din ix-xhud illi kien l-imputat li zeffina f'din is-sitwazzjoni. Qalet illi giet akkuzata bil-pussess ta' kokaina, eroina u cannabis.
Qalet illi hi kienet taf lit-tfajla tieghu Jacqueline Fenech.
Innegat illi hi qatt serqet mal-imputat jew li qatt fornietu bid-droga. Ziedet illi fil-konfront taghha l-akkuzat kien ghamel akkuzi foloz.
Insistiet illi l-involviment li kellha mal-imputat kien biss limitat li gieli ltaqghet mieghu meta kienet tkun mat-tfajla tieghu.
Qalet ukoll illi hi baqghet imbellha li kienet giet involuta f'din il-kawza. Qalet illi Agius deffisha fil-karozza biex hu jehles minn din il-kawza. Xehdet illi ghandha qatt ma sabu xejn, lanqas qabduha tisraq, lanqas qabduha tbiegh. Dwar is-serq tal-vettura Mazda, xehdet illi kien l-imputat li fil-fatt startjaha bic-cavetta. Ziedet illi hi kienet mal-imputat ghax kien wassalha d-dar ghax kienet waqfitilha l-karozza. Maghhom tghid illi kien hemm anke t-tfajla tieghu. Xorta baqghet tinsisti li bejniethom ma kinx hemm kunfidenzi. Qalet illi meta

wassalha hi kienet bil-qieghda fis-seat tal-passiggier ta' quddiem.

**<u>Saviour Agius</u>** kif gia' intqal, kien irrilaxxa stqarrija li ghazel li anke jigguramenta. Ammetta li seraq is-Suzuki 800 mill-Fgura. Anke li baghbas in-number plates taghha - minflok FBE jirrangahom bil-gem marker biex jigu jaqraw FBB. Jghid illi dan ghamlu biex ikun jista' jhallieha pparkjata hdejn id-dar u hadd ma jinduna. Qal ukoll illi uza din il-karozza biex ha l-hand bag minn go karozza ohra. Dan jghid illi kien instab ghandu fil-kcina tieghu.
Dwar il-van Transit, qal illi rah ipparkjat, ra flus fl-ash tray, ipprova jifthu pero ma setax. Mar gab turnavit mill-karozza tieghu, kisser il-quarter window tan-naha tal-passiggier, qala' l-ash tray u ha l-flus – hemm sab cavetta, startja l-van biha. Qal illi mar Hal Tarxien bil-van, tefa' xi ghodda li kien hemm gol-vann f'ghalqa, u ghadda ghalihom wara. Taghha gabar sebghin Ewro (€70).

Dwar is-serqa tal-Mazda 323 xehed illi raha hdejn Piscopo tax-xorb, starjaha bic-cavetta tal-karozza tieghu. Jghid illi mieghu kellu lil Donnalise, u b'din il-vettura baqghu sejrin jixtru d-droga. Qal illi hu zamm il-karozza ghal ftit, u qal illi kienu jahbuha go ghalqa wara d-dar tieghu.

Dwar is-serq mix-Xghajra, zied illi hu u Donnalise kienu marru ghand certu Matthew li solitament kien jinqeda minghandu. Qal illi f'okkazjoni ma kinx tah coke ghal tlitt (3) Ewro anqas. Qal ghax minghandhom kien jinqeda billi l-gharusa ta' Vassallo kienet tifah tieqa u taqdieh minn hemm, induna li seta' jidhol facilment minn din it-tieqa. Jghid illi hu ftiehem ma' Donnalise li mal-ewwel cans kienu ser jidhlu. Qal illi hekk gara – dahal fil-fond mit-tieqa u Donnalise meta

dahal fethilha l-bieb minn gewwa. Sabu hemm mobiles li nstabu f'basket blue d-dar tieghu, television, stereo li biegh ghal mitt Ewro (€100). Qal illi originarjament dak l-istereo kien tieghu, pero li kien tah lil Matthew ghal zewg pakketti kokaina. Hadu wkoll Play Station, il-haxixa li sabulu, mitt Ewro (€100) minn go tazza u karozza bir-remote control.

Qal ukoll illi ammonti ta' haxixa kien hemm sitta u tletin (36) bicca. Minnhom il-pulizija sabu sebgha (7). Dwar il-kumplament tad-droga, zied illi kien partu ma' coke u smack ghand dealer certu Ganni mill-Fgura.

Dwar il-Hyundai Accent qal illi fetahha u sab ic-cwievet taghha taht it-tapit, startjaha u telaq biha. Minnha ha l-stereo, sub-woofer, amplifier, speakers u xi ghodda li kienu sabulu l-pulizija. Ikkonferma li kien hemm ukoll kartiera tal-flus b'xi VISA u credit cards, pero bla flus. Zied illi kien biegh il-GPS misruq versu l-prezz ta' erbghin Ewro (€40).

Qal illi dan kollu kien ghamlu sforz tal-problema qawwija li kellu tad-droga. Qal illi kien jabbuza mid-droga eroina u kokaina, u li f'jumejn (2) kien jonfoq tminn mitt Ewro (€800), il-paga. Kien lest jattendi programm residenzjali.

Bhala prova in difesa xehed ukoll **PC 762 George Camilleri** li qal illi l-imputat kien ilu gewwa CCF; kien halla diversi kampjuni tal-urina li kollha taw rizultat fin-negattiv.

Ikkunsidrat:

Illi frankament ftit ghandha xi tghid dwar l-akkuzi ghax l-imputat ammetta bis-shih l-involviment tieghu fl-akkuzi lilu addebitati. Jirrizulta wkoll illi huwa gguramenta l-istqarrija

tieghu, tant illi l-Ufficjal Prosekutur anke vverbalizza li huwa kellu jibbenefika mill-Artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Qieghda ghalhekk il-Qorti ssib htija wara li rat l-Artikoli 261(b)(c)(e)(f)(g), 270, 269, 263, 278, 271, 267, 279, 280, u 281, tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; u kif ukoll l-Artikolu 15(1A) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta; l-Artikoli 188, 325 u 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, dan fil-konfront tal-akkuzi kollha tas-serq, hsara, ricettazzjoni, dikjarazzjoni falza fin-number plate, u uzu ta' vettura b'numru ta' registrazzjoni mbaghbas;
Rat ukoll f'dan ir-rigward l-Artikolu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ukoll is-sentenzi ezebiti u qieghda ssibu wkoll hati tal-Artikoli 49, 50, u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issibu hati wkoll tal-ewwel erba' akkuzi koncernanti d-droga cannabis, eroina u kokaina, u dan wara li rat l-Artikoli 8, 9, it-Taqsima IV u t-Taqsima VI, l-Artiklli 22(1), 22(1B), u 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;
Rat ukoll il-GN 292/1939, u L.S. 101.02 Reg 9.

Dwar il-piena, rat l-Artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;
Rat ukoll l-Artikoli 17, 18, 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u qieghda tikkundanna lil **Saviour (Francis Xavier) Agius** ghal piena karcerarja ta' sentejn u nofs (2½);
U ghal multa ta' hamest elef Ewro (€5,000) konvertibbli fi prigunerija skont il-Ligi jekk mhux imhallsa, dan tenut kont tal-applikazzjoni tal-Artikolu 29 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ukoll l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u tikkundanna lill-istess **<u>Saviour (Francis Xavier) Agius</u>** ihallas l-ispejjez peritali ammontanti ghal elf mija u tnejn u tletin Ewro u sitta u disghin centezmu (€1,132.96), konvertibbli fi prigunerija skont il-Ligi jekk mhux imhallsa.

Tordna id-distruzzjoni tad-droga ezebita u mmarkata bhala SB662.2013.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------